— tikkundanna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż tar-rikorrenti fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill, billi inkluda lir-rikorrenti fil-lista li tinsab fl-annessi tal-miżuri kkontestati, wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni. B'mod iktar speċifiku, ir-rikorrenti jsostnu li l-miżuri kkontestati jagħtu motivi mhux sostanzjati, fattwalment żbaljati u infondati għall-inklużjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-motivazzjoni defiċjenti pprovduta ma turix rabta sostantiva biżżejjed mal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-miżuri kkontestati ma jissodisfawx il-livell ta' prova suffiċjenti fid-dritt għall-adozzjoni ta' sanzjonijiet individwali. Il-Kunsill, billi pprova jibbaża fuq miżuri individwali sabiex jintlaħaq l-għan li jirrestrinġi l-attivitajiet tan-negozju u l-profitti ta' impriża barranija tal-Istat, applika tip ta' miżura illegali.

(1) ĠU L 430 1, p. 16.
(2) ĠU L 430 1, p. 1.

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2022 – Seifert vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-166/22)**

(2022/C 222/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Evgenia Seifert (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Seifert, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1(9) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/328 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna;

— tikkundanna lill-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-proċedura, inklużi l-ispejjeż neċessarji tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Fil-fehma tar-rikorrenti, il-punt 9 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/328 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna [1] jiddiskrimina kontriha minħabba l-oriġini tagħha bħala ċittadina Russa, u għalhekk jikser l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali flimkien mad-drittijiet tagħha skont l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Il-Kunsill ma jistax jinvoka stat ta' emerġenza skont l-Artikolu 15(1) ta' din il-konvenzjoni u deroga fis-sens tal-Artikolu 15(3) ta' din il-konvenzjoni.

(1) ĠU 2022, L 49, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 114, p. 212